Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,980, 23 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 366 tal-2022

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2022 li jestendi l-Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 li jestendi l-Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti). Titolu.

TAQSIMA I
Emendi għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23

2. Din it-Taqsima temenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-ordni prinċipali". Emendi għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23. L.S. 364.12.

3. L-artikolu 3 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

(a) fit-tielet proviso tiegħu, il-kliem "l-1 ta' Jannar 2023," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-1 ta' Jannar 2024,"; u

(b) fis-sitt proviso tiegħu, il-kliem "qabel it-28 ta' Frar 2023:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "qabel it-28 ta' Frar 2024:".

4. Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej: Jemenda l-artikolu 4 tal-ordni prinċipali.

"(b) l-att finali relattiv tal-imsemmi trasferiment għandu jsir sal-31 ta' Diċembru 2023 u l-avviż dwar l-att finali relattiv tal-imsemmi trasferiment għandu jingħata lill-Kummissarju tat-Taxxi sat-28 ta' Frar 2024;".

TAQSIMA II

Emendi għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju

Emendi għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju. L.S. 364.15.

5. Din it-Taqsima temenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-ordni prinċipali".

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

6. Fl-artikolu 3 tal-ordni prinċipali, il-kliem "l-1 ta' Jannar 2023." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-1 ta' Jannar 2024.".

Jemenda l-artikolu 4 tal-ordni prinċipali.

7. Fil-proviso għas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-ordni prinċipali, il-kliem "qabel il-31 ta' Diċembru 2022." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "qabel il-31 ta' Diċembru 2023.".

TAQSIMA III

Emendi għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika

Emendi għall-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika. L.S. 364.17.

8. Din it-Taqsima temenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal skop ta' Residenza Unika u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-ordni prinċipali".

Jemenda l-artikolu 6 tal-ordni prinċipali.

9. L-artikolu 6 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "l-31 ta' Diċembru 2022," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-31 ta' Diċembru 2023,"; u

(b) il-kliem "qabel it-28 ta' Frar 2023." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "qabel it-28 ta' Frar 2024.".